

**Brussell, 4 ta' Ġunju 2021
(OR. en)**

9145/21

**SOC 356
EMPL 266
ECOFIN 509**

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-konklużjonijiet ewlenin tar-rapport li qed issir referenza għalih kif adottati mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fit-18 ta' Mejju 2021, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021.

Ir-Rapport komplut, imħejji b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea (DG EMPL) u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, jista' jinstab fid-dokumenti 9145/21 ADD 1 u ADD 2.

Ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021

KONKLUŻJONIJIET EWLENIN

Il-prinċipju 15 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jippromwovi d-dritt għall-introjtu u l-pensjonijiet tax-xjuħija. Kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹, ir-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021 imħejji b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea jappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati pensjonijiet adegwati u introjtu minimu billi janalizza l-adeqwatezza tal-pensjonijiet attwali u futuri, jiġifieri: kif dawn jgħinu biex **isostnu l-introjtu tal-irġiel u n-nisa** matul **iż-żmien tal-irtirar tagħhom** u **jipprevjenu l-faqar fix-xjuħija**. Il-lonġevità li qed tiżdied u l-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos ser jagħmlu pressjoni fuq is-sistemi tal-pensjonijiet Ewropej fid-deċennji li ġejjin. Filwaqt li wieħed jista' jistenna li l-kriżi tal-COVID-19 ser ikollha impatt fuq l-introjti tax-xjuħija, huwa prematur li wieħed jasal għal xi konklużjoni f'dan l-istadju u dan ser ikun kopert fl-edizzjoni li jmiss ta' dan ir-rapport. Ir-rapport jenfasizza li:

- wara għaxar snin ta' titjib, ma sar l-ebda progress ulterjuri biex jitnaqqas ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali għall-anzjani fl-UE -

1. **Il-faqar fix-xjuħija jew l-esklużjoni soċjali żdiedu bi ftit mill-2016, minkejja li jibqgħu ferm aktar baxxi milli fl-2008.** Kważi 18.5 % (16.1 miljun) ta' persuni fl-età ta' 65 sena u aktar fl-UE fl-2019 kienu friskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, filwaqt li f'xi pajjiżi s-sehem jista' jilħaq 50 %. Ir-riskji ta' faqar ta' introjtu fost l-anzjani żdiedu kemxejn matul l-aħħar tliet snin, filwaqt li l-privazzjoni kompliet tonqos. Fl-istess ħin, fid-dawl taż-żieda prevista fil-popolazzjoni anzjana, l-għadd assolut ta' anzjani friskju ta' faqar x'aktarx li jiżdied.

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, SWD (2021) 46 final

2. **L-introjtu tal-anzjani naqas bi ftit meta mqabbel mal-introjtu ta' ġenerazzjonijiet iżgħar mill-2016 'l hawn, u dan jirrifletti t-tkabbir kontinwu tal-introjti tal-età tax-xogħol.** L-introjtu medjan tal-anzjani fl-UE fl-2019 kien ta' 89 % tal-introjtu tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Fuq medda itwal ta' żmien, il-livelli tal-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet iżgħar li qed jogħlew huma fattur ewlieni għad-differenzi fl-introjtu bejn il-ġenerazzjonijiet. Fl-Istati Membri kollha, l-introjti mill-pensjoni jammontaw għal bejn terz u aktar minn żewġ terzi tal-introjti mix-xogħol fi tmiem il-karriera.
3. **Fil-livell tal-UE, id-durata tal-irtirar naqas ftit matul l-aħħar deċennju, hekk kif l-etajiet tal-ħruġ mis-suq tax-xogħol qed jiżdiedu b'rata aktar mgħaġġla mill-istennija tal-għomor f'għadd ta' Stati Membri.** Il-ħajja rtirata, imkejla miż-żmien tat-tluq mill-aħħar impjieg, iddum ftit aktar minn medja ta' 20 sena, ftit inqas minn nofs il-ħajja tax-xogħol. Għalkemm ħafna pajjiżi kienu qed jissikkaw il-kondizzjonijiet għall-ħruġ mis-suq tax-xogħol u l-irtirar kmieni, dawn il-miżuri għadhom relattivament reċenti, u l-impatt potenzjali sħiħ tagħhom fuq id-durata tal-irtirar jista' jkun għadu mhux viżibbli b'mod ċar.

- iż-żamma ta' standards tal-għajxien adegwati matul l-irtirar tibqa' sfida, b'mod partikolari għan-nisa -

4. **Id-disparitajiet bejn il-ġeneri jsiru aktar evidenti fix-xjuħija.** Fl-UE-27, id-disparità bejn il-ġeneri fil-faqar fix-xjuħija hija akbar minn dik fl-età tax-xogħol, filwaqt li d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet ikkawżata mill-impatt aggregat tal-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol tibqa' importanti (29.5 % fl-2019) minkejja tnaqqis żgħir (minn 32.3 % fl-2016); ftit kien hemm konverġenza bejn il-pajjiżi.
5. **Ir-riskju tal-faqar fix-xjuħija għan-nisa jsir ogħla wara l-età ta' 75 sena, peress li n-nisa għandhom stennija tal-għomor itwal u spiss ikunu waħedhom.** Il-pensjonijiet tas-superstiti jgħinu biex l-introjtu jiġi ridistribwit lil nisa akbar fl-età iżda mhumiex biżżejjed biex ipattu għall-inugwaljanzi fil-karriera.

6. **Il-kreditu tal-pensjoni għal interruzzjonijiet fil-karriera marbuta ma' raġunijiet familjari jew qgħad huma lieva politika effettiva biex jiġu protetti d-drittijiet tal-pensjoni.** Il-projezzjonijiet juru li l-kreditu għall-kura tat-tfal u għall-qgħad jillimitaw b'mod sinifikanti l-impatt tal-interruzzjonijiet fil-karriera fuq il-benefiċċji tal-pensjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u l-kreditu għall-indukrar ta' adult dipendenti qed isiru aktar mifruxa, għalkemm għad hemm diskrepanzi.
7. **Servizzi ta' kura tas-saħħa u kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità huma importanti biex jinżammu standards tal-għajxien adegwati matul l-irtirar.** Għalkemm matul dawn l-aħħar tliet snin, is-sehem ta' persuni anzjani li ma jaffordjawx servizzi tal-kura tas-saħħa naqas, għad hemm wisq Ewropej anzjani, li l-biċċa l-kbira minnhom huma nisa, li ma jistgħux jaffordjaw il-kura fit-tul meħtieġa; pereżempju, wieħed minn kull tlieta ma jistax jaffordja kura fid-dar.

- l-inugwaljanzi fl-introjtu fost l-anzjani jippersistu, għalkemm il-politiki tal-pensjonijiet u tat-tassazzjoni jistgħu jgħinu biex itaffuhom -

8. **L-inugwaljanza fl-introjtu fix-xjuħija tippersisti, iżda bis-saħħa tal-impatt redistributtiv tas-sistemi tal-pensjonijiet u tat-tassazzjoni, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri din hija aktar baxxa milli fl-età tax-xogħol.** L-inugwaljanza fl-introjtu fost dawk li għandhom 65 sena u aktar żdiedet bi ftit fl-UE-27 fl-2007-2019. Ir-rata tas-sostituzzjoni tal-introjtu hija fil-biċċa l-kbira oġġla għal dawk b'pagi baxxi, u b'hekk tappoġġa l-kondiviżjoni tar-riżorsi u r-redistribuzzjoni fost il-gruppi soċjoekonomiċi. It-trattament tat-taxxa tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pensjoni jaffettwa d-distribuzzjoni u l-adegwatezza tal-introjtu tal-irtirar.
9. **L-intensità tal-faqar fix-xjuħija kompliet tizzied gradwalment matul dawn l-aħħar tliet snin,** li jfisser li dawk l-anzjani li huma foqra qed jaqgħu aktar lura meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni u jkun meħtieġ sforz akbar biex iżidu l-introjtu tagħhom 'il fuq mil-limitu tal-faqar.

10. **Il-benefiċċji minimi tax-xjuħija jistgħu jkunu salvagwardja importanti tal-adegwatezza għal dawk b'karrieri qosra jew b'introjtu baxx.** L-Istati Membri daħħlu fis-seħħ diversi skemi ta' introjtu minimu, li spiss ikunu nonkontributorji u bbażati fuq il-ħtiġijiet. Is-sehem ta' persuni anzjani li jiddependu fuq benefiċċji minimi, l-aktar ta' spiss nisa, baqa' ġeneralment stabbli matul l-aħħar tliet snin, filwaqt li fl-istess ħin ġew adottati miżuri ġodda f'għadd ta' pajjiżi biex jespandu l-protezzjoni tal-introjtu minimu fix-xjuħija.

- il-karrieri futuri ser jeħtieġu jkunu itwal biex iżommu pensjonijiet adegwati -

11. **Pensjonijiet adegwati ser jiddependu dejjem aktar fuq karrieri itwal.** Il-projezzjonijiet tal-każijiet teoretiċi juru li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-persuni li jirtiraw fl-2059 ser ikollhom pensjonijiet aktar baxxi meta mqabbla mal-introjtu mix-xogħol tagħhom minn dawk li rtiraw b'karriera simili fl-2019. Kemm l-etajiet tal-pensjoni kif ukoll l-etajiet tal-irtirar effettivi huma mistennija li jkomplu jżiedu fid-deċennji li ġejjin, bl-opportunitajiet ta' rtirar bikri jonqsu, għalkemm b'differenzi sinifikanti bejn il-pajjiżi. Iż-żidiet previsti fit-tul tal-karriera fil-biċċa l-kbira għadhom lura meta mqabbla maż-żidiet fl-età tal-pensjoni u mhux ser ikunux biżżejjed biex jipprevjenu t-tnaqqis relattiv fil-livelli tal-benefiċċji.

12. **Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, l-età tad-dħul fis-suq tax-xogħol għandha inqas effett fuq il-livelli tal-benefiċċji tal-pensjoni mill-età tal-irtirar.** Filwaqt li l-projezzjonijiet juru li sentejn xogħol lil hinn mill-età tal-pensjoni jġibu kisbiet sostanzjali, karriera twila li tibda kmieni iżda tispiċċa fl-età tal-pensjoni standard, li jista' jkun il-każ għal ħafna ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, ma twassalx għal rati ta' sostituzzjoni għoljin ħafna fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u tqajjem mistoqsijiet dwar kif is-sistemi tal-pensjonijiet jippremjaw karrieri tax-xogħol twal.

- is-sistemi tal-pensjonijiet jevolvu fost ekonomija u suq tax-xogħol li qed jinbidlu, u ż-żamma tal-adeqwatezza tagħhom tista' teħtieġ li jiġu kkunsidrati mill-ġdid is-sorsi ta' finanzjament -

13. **Filwaqt li ħafna riformi komplew jippromwovu ħajja tax-xogħol itwal, għadd ta' Stati Membri ħadu azzjoni wkoll biex jagħtu spinta lill-adeqwatezza tal-pensjonijiet.** Ix-xejriet ta' riforma ewlenin ta' dawn l-aħħar tliet snin kienu l-promozzjoni tal-irtirar aktar tard permezz ta' inċentivi, it-titjib tal-kapaċità taż-żamma tal-introjtu u l-inklużività tas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluż il-kopertura tal-impjeggi mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom, it-tkomplija tal-isforzi biex jiġu estiżi s-salvagwardji tal-faqar bħall-benefiċċji minimi, u r-riforma tal-finanzjament tal-pensjonijiet.
14. **L-infiq fuq il-benefiċċji tax-xjuħija jirrappreżenta sehem importanti tal-PDG u tal-infiq totali fuq il-protezzjoni soċjali u b'mod ġenerali fil-livell tal-UE, baqa' l-istess bejn l-2005 u l-2018.** L-impatt tal-evoluzzjoni demografika kien fil-biċċa l-kbira kkompensat minn politiki fiskali. Filwaqt li l-medja hija ta' 10.8 % tal-PDG, in-nefqa tvarja b'mod sinifikanti bejn il-pajjiżi (bejn 4.6 % u 13.7 % tal-PDG fl-2018), u dan jirrifletti t-tfassil differenti tas-sistemi tal-pensjonijiet u tal-protezzjoni soċjali usa'. Fl-istess ħin, iż-żieda fin-nefqa fuq il-pensjonijiet matul dan il-perijodu kienet assoċjata ma' inugwaljanza fl-introjtu kemxejn aktar baxxa fost l-anzjani fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

15. **It-tfassil tas-sistemi tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet soċjali, inkluż il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-progressività tagħhom, jaffettwa l-bażi ta' finanzjament tas-sistemi tal-pensjonijiet u r-reżiljenza tagħhom f'ekonomija u suq tax-xogħol li qed jinbidlu.** Filwaqt li l-benefiċċji tax-xjuħija fl-UE huma prinċipalment iffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet soċjali, bejn l-2005 u l-2018 setgħet tiġi osservata bidla mifruxa lejn il-finanzjament mid-dħul ġenerali tal-gvern, li fil-biċċa l-kbira tirrifletti tnaqqis fis-sehem imħallas minn dawk li jħaddmu. It-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-bidliet fis-suq tax-xogħol jagħmlu pressjoni fuq is-sistemi bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet, u b'hekk ikun meħtieġ li jiġu esplorati sorsi differenti ta' finanzjament, inkluż billi jiġi estiż it-tip ta' introjtu użat bħala bażi għat-tassazzjoni jew it-trasferiment tat-tassazzjoni minn fuq l-introjtu mix-xogħol għal forom oħra ta' introjtu. Il-kisba tal-oġġettivi soċjali tas-sistemi tal-pensjonijiet filwaqt li tinżamm is-sostenibbiltà tista' teħtieġ approċċi ta' finanzjament differenti fl-Istati Membri. B'mod ġenerali, id-dħul mit-tassazzjoni ġenerali kien aktar stabbli mill-introjtu mix-xogħol, u l-allokazzjoni tagħhom għall-finanzjament tal-protezzjoni soċjali tista' tikkontribwixxi għall-bażi ta' finanzjament. Qed jiġu esplorati dejjem aktar sorsi oħra ta' finanzjament, bħat-taxxa fuq il-valur miżjud, diġà użata f'xi Stati Membri, jew taxxi ambjentali.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) iqis li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġu implimentati l-prinċipji rilevanti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif mitlub ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni². L-UE għandha tkompli tappoġġa l-isforzi nazzjonali biex jiġu żgurati pensjonijiet adegwati, inkluż billi tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet u l-krediti tal-pensjoni għal interruzzjonijiet fil-karriera relatati mal-kura. Inizjattivi mmirati biex itejbu l-ugwaljanza u l-protezzjoni tal-introjtu tul il-ħajja tax-xogħol, bħad-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata³, kif ukoll li jippromwovu l-impjieg taż-żgħażaġh u ħajja tax-xogħol itwal jistgħu jgħinu lill-ħaddiema tal-lum biex jakkumulaw pensjonijiet adegwati. Huma meħtieġa sforzi sostnuti biex jiġu żgurati kopertura u opportunitajiet adegwati biex jiġu akkumulati d-drittijiet tal-pensjoni għall-ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom, b'segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali⁴, u biex is-sistemi tal-pensjonijiet jiġu adattati għall-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol flessibbli u mobbli.

Il-KPS jappella għal dibattitu wiesa' u miftuħ dwar kif is-sistemi tal-pensjonijiet flimkien ma' politiki soċjali, tal-impjieg u tat-tassazzjoni usa' jistgħu jappoġġaw introjti adegwati fix-xjuħija fl-isfond ta' popolazzjoni li qed tixjeh u suq tax-xogħol li qed jinbidel. Il-KPS jistieden lill-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jagħti segwitu għad-dokument konġunt tal-2019 dwar il-pensjonijiet billi jirrifletti b'mod konġunt fuq is-sejbiet tar-Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet tal-2021, ir-Rapport dwar il-Kura fit-Tul u r-Rapport dwar it-Tixjeh.

L-adeqwatezza u l-inugwaljanzi tal-pensjonijiet jeħtieġu monitoraġġ u analiżi kontinwi, mhux l-inqas fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 u l-impatt antiċipat tagħha fuq is-swieq tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali. Għalhekk, il-KPS u l-Kummissjoni biħsiebhom iħejju l-ħames Rapport dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet għall-adozzjoni fl-2024.

² Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM(2021) 102 final
³ Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw
⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom